## 12 ta' Marzu, 1992

**Imħallef: –**

## Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.

Il-Pulizija

*versus*

Mikiel Anġlu *sive* Michael Mamo

**Rinviju għall-Ġudizzju – Nuqqas ta' Kunsens ta' l-Imputat – Qorti ta' Ġudikatura Kriminali – Qorti Istruttorja**

*Meta l-atti jiġu rrinvjati skond l-artikolu 370(3) tal-Kap. 9 lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta jew Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali dik il-Qorti għandha tistaqsi lill-akkużat jekk ikollux oġġezzjoni li l-każ jiġi ttrattat sommarjament. Il-kompetenza ta' dik il-Qorti tiġi rradikata b'tali kunsens.*

*Jekk l-akkużat ma jkunx ġie mistoqsi għandux oġġezzjoni u allura ma jkunx ta l-kunsens tiegħu, is-sentenza tiġi annullata skond l-artikolu 428(1) tal-Kap. 9.*

*F'dan il-każ il-Qorti ta' l-Appell Kriminali estendiet b'interpretazzjoni l-applikazzjoni ta' l-artikolu 428(1) tal-Kap. 9 in konformità ma' l-intenzjoni tal-leġislatur li jestendi l-kompetenza tal-Qorti inferjuri bħala Qorti ta' ġudikatura kriminali.*

Il-Qorti: –

Rat l-atti tal-kompilazzjoni bl-akkużi kontra l-imputat li fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Frar, 1989, fil-Birgu, ikkommetta serq ta' van nru. B – 3967, liema serq kien aggravat bil-mezz, lok,

valur u ħin, u dan għad-dannu ta' Paul Seychell; li fl-istess data, ħin u lok volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, billi għamel ħsara fil-van nru. B – 3967 għad-dannu ta' Paul Seychell u fil-ħajt tat-triq li tagħti għal Forti Sant'Anġlu, il-Birgu, għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, u dan bi ksur ta' l-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9; li fl-istess, data, lok u ħin, saq, b'manjiera perikoluża, bla kont, bi traskuraġni u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, van nur. B – 3967; saq dan l-istess van bla ma kellu fil-pussess tiegħu liċenzja tas-sewqan u b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurtà kontra r-riskji ta' terzi persuni; u li ksier il-provvediment ta' l-artikolu 9 ta' l-Att XII/1957 imposta fuqu b'sentenza ta' din il-Qorti fis-17 ta' Novembru, 1988;

Rat is-sentenza tal-15 ta' Jannar, 1992 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kkonkludiet testwalment kif segwenti:

"Tiddeċidi, billi, issib illi l-imputat m'huwiex f'pożizzjoni mentali sabiex jirrispondi għall-akkużi dedotti kontrih, u, illi ma kienx f'siktu meta huwa kkommetta r-reati li għalihom illum huwa akkużat bihom, u għaldaqstant tordna illi jiġi rikoverat fl-Isptar Mentali ta' Monte Carmeli, għal perijodu ta' sentejn, jew għal kwalunkwe perijodu ieħor illi jiġi prefiss mit-Tabib kuranti tiegħu għas-sodisfazzjoni tiegħu";

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-Avukat Ġenerali talab li din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla dik is-sentenza u jew tibgħat l-atti lill-Qorti inferjuri sabiex din il-Qorti inferjuri tipproċedi skond il-liġi, jew, alternattivament, wara li dina l-Qorti ta' l-Appell Kriminali tiegħu konjizzjoni mill-ġdid tal-provi jew (a) issib lil Mikiel Anġlu *sive* Michael Mamo ħati ta' l-akkużi kontrih dedotti u tinfliġġi l-piena skond il-liġi jew (b) issib lill-

imsemmi Mamo dementi skond il-liġi fil-mument ta' l-allegati reati jew fil-mument tal-proċess (jew it-tnejn) u tipprovdi skond il-liġi;

Rat l-atti l-oħrajn u, ttrattat l-appell, ikkunsidrat illi:

1. L-aggravji ta' l-appellant huma diversi: l-ewwel wieħed huwa n-nuqqas ta' kompetenza ta' l-ewwel Qorti meta ddeċidiet dwar ir-reati. Dan l-aggravju huwa fondat għar-raġunijit segwenti;

2. Fl-10 ta' Mejju, 1991 l-Avukat Ġenerali bagħat l-atti tal-kompilazzjoni lill-Ewwel Qorti, bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura, biex dik il-Qorti tiddeċidi fuq ir-reati dedotti kontra l-imputat Mamo. Dan ir-rinviju ġie magħmul skond l-artikolu 370(3)(a) tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu jiddisponi li l-Avukat Ġenerali jista' jibgħat biex tkun iġġudikata mill-qorti tal-Maġistrati, persuna akkużata ta' delitt li għalih hemm il-piena ta' priġunerija għal żmien iżjed minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin, **jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni minn dik il-persuna.** Di fatti d-delitt tas-serq aggravat dedott kontra l-imputat huwa punibbli kif imsemmi;

3. Is-subinċiż (b)(ċ) u (d) ta' l-artikolu 370(3) fuq imsemmi jiddisponi fis-sens segwenti. Meta l-atti jiġu rinvjati bil-mod kif intqal hawn fuq, il-Qorti tal-Maġistrati għandha tistaqsi lill-akkużat jekk ikollux oġġezzjoni li l-każ jiġi ttrattat sommarjament. Jekk l-akkużat iwieġeb li ma għandux oġġezzjoni, dik il-Qorti tkun kompetenti tittratta l-każ, u għandha tipproċedi biex tagħti s-sentenza. Jekk l-akkużat iwieġeb li għandu oġġezzjoni, allura dik il-Qorti tirrinvija l-atti lill-Avukat Ġenerali biex dan jippreżenta l-att ta' l-akkuża, u l-każ jiġi ttrattat

mill-Qorti Kriminali;

4. Fil-każ odjern l-Avukat Ġenerali bagħat l-atti lill-ewwel Qorti fl-10 ta' Mejju, 1991. Wara dik id-data saru diversi udjenzi quddiem l-ewwel Qorti sa meta ġiet mogħtija s-sentenza appellata fil-15 ta' Jannar, 1992. F'ebda waħda minn dawn l-udjenzi ma ġie mistoqsi l-imputat jekk kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi ttrattat sommarjament, u huwa qatt ma esprima ruħu kienx joġġezzjoni jew le għat-trattazzjoni sommarja;

5. Għar-raġunijiet indikati hawn fuq l-ewwel Qorti ma kinitx kompetenti tiddeċidi l-kawża billi r-reati dedotti huma soġġetti għall-piena li teċċedi l-kompetenza ta' l-istess Qorti. Għalhekk huwa l-każ li s-sentenza in kwistjoni tiġi annullata a tenur ta' l-artikolu 428(1) tal-Kodiċi Kriminali;

6. Dan l-artikolu jiddisponi però li f'dan il-każ l-atti tal-kawża għandhom jiġu mibgħuta lill-Qorti tal-Maġistrati **bħala Qorti Istruttorja.** Issa fil-każ preżenti, l-ewwel Qorti kienet diġà adita mill-Avukat Ġenerali bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. (Biex il-kompetenza tagħha tiġi radikata kien jonqos biss in-nuqqas ta' oġġezzjoni ta' l-imputat). Dan ma jistax jiġi spjegat aħjar minn kif spjegah id-Deputat Avukat Ġenerali fir-rikors ta' l-Appell, u ċjoè kif segwenti:

"L-artikolu 428 ġie miżjud fl-1900 (allura, naturalment, in-numru ta' l-artikolu kien differenti). Sa' l-1940 l-artikolu 370 (allura 368) kien fih disposizzjoni waħda biss li kienet tasal sa dik il-parti li llum hi s-subartikolu (2). Għalhekk, sa' l-1940 kien hemm il-kompetenza tal-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali – li kienet tasal sa **tliet xhur** priġunerija – u kull delitt b'piena ta' aktar minn tliet xhur

priġunerija kien ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali u konsegwentement il-Qorti tal-Maġistrati kellha tgħaddi għall-istruttorja. Fl-1940 ġie miżjud dak li llum hu s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 370 b'delitti *"triable either way"* meta l-piena tkun bejn it-tliet xhur u s-sitt xhur priġunerija. Minkejja dina l-emenda, l-artikolu 428 ma ntmessx (l-aħħar li ġie emendat kien biss fl-1938). Sussegwentement is-sitt xhur priġunerija żdiedu għall-sentejn fl-1963), erba' snin (fl-1980) għaxar snin (fl-1987). Għalhekk l-artikolu 428(1) jagħti lok għal interpretazzjoni konformi ma' l-intenzjoni tal-leġislatur li jestendi l-kompetenza tal-Qorti inferjuri bħala Qorti ta' ġudikatura kriminali, u l-esponent jissottometti li jekk dina l-Onorabbli Qorti tilqa' dan l-aggravju, għandha tħassar is-sentenza u tibgħat l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'mod li l-appellat jitqiegħed fl-istess posizzjoni li kien immedjatament wara n-nota ta' rinviju għall-ġudizzju ta' l-esponent'';

7. Din il-Qorti jidhrilha li din is-sottomissjoni ta' l-appellant hija s-soluzzjoni konvenevoli u ġusta f'dan il-każ. Raġġunta din il-konklużjoni l-konsiderazzjoni ta' l-aggravji l-oħrajn ta' l-appellant ma tkunx utili;

Għal dawn il-motivi, wara li rat l-artikolu 428(1) tal-Kodiċi Kriminali, tilqa' l-appell, tannulla s-sentenza appellata u tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'mod li l-appellat Mamo jitqiegħed fil-pożizzjoni li fiha kien immedjatament wara n-nota ta' rinviju ta' l-Avukat Ġenerali datata l-10 ta' Mejju, 1991.